A.L. 23 ta' l-1991

ATT DWAR IT-TAXXA TAL-MEWT U TAD-DONAZZJONI (KAP. 239)

Ordni ta' l-1991 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni dwar Mewt Aċċidentali fuq ix-Xogħol

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija lilu bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, il-Ministru tal-Finanzi ordna li mill-1 ta' Diċembru, 1989 ebda taxxa, li mod ieħor kienet tiġi imposta dwar kull jedd għal ħlas taħt xi kuntratt ta' sigurtà fuq il-ħajja, kif speċifikat fis-subparagrafu (v) tal-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att imsemmi, ma għandha tingabar:

Iżda din l-eżenzjoni taħdem biss meta l-persuna li minnha jkun ġej it-trasferiment taxxabbli kienet residenti f'Malta u l-mewt tagħha tkun ġrat f'ċirkostanzi traġiċi u aċċidentali —

(a) fil-waqt li tkun qegħda tagħmel ix-xogħol tagħha; u

(b) mingħajr ħtija tagħha; u

(ċ) minħabba xi ħaġa li tagħha tkun speċifikatament kaġun ix-xorta tax-xogħol tagħha.